1284/96DM

FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
SEDE CIVILI

MAGISTRAT DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 23 TA' FRAR 2001

Avviz Nru 1284/96DM

Marionne Zammit ghan-nom u in rappresentanza ta' San Anton School

Vs

Victor Cachia u Alfred Cachia u b'digriet tal-Qorti tal-4 ta' Marzu 1997 The Parents Foundation For Education giet kjamata in kawza

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici nomine ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' seba mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm732) dovuta lilha fuq servizzi ta' taghlim moghtija lilhom

Bl-ispejjez u l-interessi legali.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccipew:

Illi t-talbiet kif kontenuti fl-avviz huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress:-

(1) Illi s-servizzi mitluba bhala "tuition fees" limitament fis-somma ta'Lm244 ghall-ahhar term skolastiku mhumiex dovuti peress li dawn is-servizzi fil-fatt ma nghatawx u ghalhekk l-ebda hlas mhu dovut.

(2) Illi f'kull kaz irid isir set off peress li l-eccipjenti kienu hallsu s-somma ta' hames mitt lira maltin (Lm500) fl-24 ta' Awissu 1990, meta binthom Lisa dahlet fl-iskola San Anton, l-Imselliet, liema somma kien gie miftiehem li tkun refundable meta l-imsemmija Lisa Cachia tispicca mill-iskola.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamati fil-kawza "The Parents Foundation for Education" fejn eccipew:

1. Illi l-imsemmija Foundation m'ghandha x'taqsam xejn mal-mezati pagabili lil San Anton School. Ghalhekk ma ghandhiex interess fil-meritu tad-domanda u dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

2. Illi jidher li l-imsemmija Foundation giet kjamata fil-kawza imhabba dak li intqal fit-tieni eccezzjoni tal-konenuti li hemm "set off' ma flus li thallsu lil Foundation. Din l-allegazzjoni hi ghal kollox bla bazi billi:

(i) Il-Foundation u lis-skola huma zewg persuni legali distinti u l-kuntratti li jidhlu fihom ghal kollox separati

(ii) Il-Lm500 li hallsu l-konvenuti lill-Foundation huma regolati bir-"rules' appoziti tal-Foundation li jittrattaw ukoll ir-rifuzjoni ta' tali pagament . Il-konvenuti ghadhom m'humiex dovuti l-ebda rifuzjoni, skond ir-rules li huma l-uniku dokument li jirregola l-materja. Ma sarx mill-Foundation, u ma setax isir l-ebda ftehim iehor mal-konvenuti

3 Salvi eccezzjonijiet iehor

Semghet ix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Ikkunsidrat

Illi huwa accettat mill-kontendenti illi l-konvenuti, bl-intiza li jsibu post f'iskola imwaqqfa mill "The Parents Foundation for Education", kienu rregistraw lill-binthom Lisa Cachia mal-istess Fondazzjoni fl-24 ta Awissu 1990 u hallsu lill-istess Fondazzjoni kontribuzzjoni ta LM500 (Dok JM1 a fol. 67).

Huwa accettat ukoll illi "The Parents Foundation for Education" kienet stabbiliet skola bl-isem "San Anton School" fejn bint il-konvenuti kienet giet accettata u rceviet l-edukazzjoni taghha sal-1996.

Jaqblu ukoll illi l-konvenuti hallsu lill-atturi l-mizati ta kull sena hlief dawk ghas-sena skolastika 1995/1996 fis-somma ta LM732 (Dok MZ1 a fol. 22).

Il-konvenuti jsosstnu li ghandha topera l-kompensazzjoni dwar l-LM500 kontribuzzjoni li kienu ghamlu lil “The Parents Foundation for Education” u li m’hiex dovuta il-mizata dwar l-ahhar trimestru billi l-atturi ma pprovdewx  servizz ta taghlim.

Dawn l-eccezzjonijet sollevati mill-konvenuti jqajjmu tlett kwistjonijiet ghal kunsiderazzjoni tal-Qorti; cioe’ jekk l-atturi ipprovedewx is-servizz li ghalih qed jitlobu li jithallsu s-somma indikata fl-avviz, jekk l-atturi “San Anton School” humiex parti integrali ta’“The Parents Foundation for Education”, il-kjamati fil-kawza u, f’kaz ta risposta positiva ghat-tieni kwezit, jekk il-kontribuzzjoni li thallset mill-konvenuti lill-istess fondazzjoni fis-somma ta LM500 hiex soggetta ghar-rifuzjoni u z-zmien ghal tali rifuzjoni skada u s-somma ta LM500 hija llum dovuta.

Ghalkemm it-talba attrici ghandha titqies li giet accettata u ammessa mill-konvenuti li ma kienux deheru fil-jum iffissat mill-Qorti ghas-subizzjoni taghhom, huwa opportun li jinghat li mid-deposizzjoni ta Louis Pisani u d-dokumenti minnhu esibiti jirrizulta li effettivament l-Iskola attrici kienet fil-fatt ipprovdiet servizz regolari ta taghlim fix-xhur bejn April u Gunju 1996 u bint il-konvenuti kienetx prekluza milli tattendi.

Jekk il-konvenuti ghazlu ghad-diskrezzjoni taghhom li jibghatux iktar lill-binthom lejn l-iskola minghajr xi raguni valida ippruvata, dan m’ghandhux jippregudika id-dritt tal-attur ghal hlas ghas-servizz li huma ipprovdew skond dak li kienu tenuti u skond is-sengha.

Minn-naha taghhom il-konvenuti ma pproducewx provi u ghalhekk la ma jirrizulta xi nuqqas da parti tal-atturi u lanqas ma jirrizulta kemm granet setghet falliet bint il-konvenuti.

Billi l-konvenuti jridu jikkompensaw is-somma ta LM500 li hallsu lill-kjamati fil-kawza mas-somma mitluba mill-atturi jrid jigi determinat jekk l-atturi u l-kjamati fil-kawza ghandhomx personalita’ legali separata u distinta minn ta xulxin.

Ma hemmx kwistjoni dwar il-fatt li “The Parents Foundation for Education” hija meqjusa li ghandha personalita’guridika, infatti l-istess konvenuti talbu li l-Fondazzjoni tigi kjamata fil-kawza bhala parti f ‘isimha. Lanqas ma kkontestaw li l-atturi huwa enti legali b’personalita’ guridika bid-dritt li jagixxu gudizzjarjament bhala tali.

Infatti l-istess skola attrici giet stabbilita bi statut taghha tal-1988 (V. Fol. 73) fejn gie espressament stabbilit fl-Artikolu 3 illi “The school shall be a body corporate as defined in the Education Act 1988 and shall be separate and distinct from the Parents Foundation for Education...”; inoltre l-istess Att dwar l-Edukazzjoni tal-1988 (Kap. 327 tal-Ligijiet ta Malta) jirrikonoxxi l-possibilita’ ta skola bhala enti morali li ghandha personalita’legali distinta.

Skond l-istess Statut din l-Iskola attrici giet destinata li topera mill-bini f'21 Triq San Anton, Attard, li huwa l-iskola li pprovdiet "The Parents Foundation for Education" ghall-atturi.

Izda mhux biss huwa dan l-Istatut li jenfasizza id-differenza u distinzjoni bejn l-atturi u l-kjamati fil-kawza. L-istess regolamenti tal-Fondazzjoni, ma min il-konvenut kien irregistra bhala kontributur, u liema regolamenti, li taghhom kien iddikjara li kien a piena konoxxenza, kien intrabat li jirrispetta u josserva, jipprovdu ampjament kif ghandhom jigu nvestiti il-kontribuzzjonijiet.  Dawn jkomplu jissottolinejaw il-funzjonijiet distiniti taz-zewg entijiet: waqt li "The Parents Foundation for Education" ghandha tinvesti l-kontribuzzjonijiet moghtija f'infieq kapitali biex tipprovdi l-facilitajiet u l-istrutturi ghall-uzu tal-atturi "San Anton School", it-tmexxija ta dawn il-facilitajiet u strutturi u l-manutenzjoni ordinarja taghhom, il-provvediment ta' taghlim u dak kollha konness mal-edukazzjoni tat-tfal u l-gbir tal-mizati biex jghamlu tajjeb ghall-ispejjes huwa l-funzjoni esklussiva tal-atturi.

Ghalhekk l-atturi u l-kjamati fil-kawza huma zewg enti guridici b'personalita' legali separata u distinta u l-konvenuti ma jistghux jippretendu li jikkompensaw kreditu ma wiehed ma debitu ma l-iehor.

Dan qed jinghad apparti mill-kunsiderazzjoni li ma jirrizultax li l-konvenuti ghandhom xi dritt li jezigu li jigu rimborsati a rikjesta bl-istess kontribuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-atturi is-somma ta seba mija u tnejn u tletin lira Maltin (Lm732) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenuti.

Magt Dr D Montebello  B A LLD

A Farrugia
Dep Reg

1284/96DM